KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.6.2006
KUMM(2006) 317 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

Kelmtejn ta' qabel

Dan id-dokument huwa maħsub biex jiġi anness ma' l-abbozz tal-baġit għall-2007, f'konformità mal-ftehimiet milħuqa fl-1979 fil-qafas tal-proċedura tal-baġit.

Il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003, applikabbli g ħad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp[1], minn issa 'l quddiem imsejjaħ EDF, jistipula li dan id-dokument ser jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Kunsill sal-15 ta' Ġunju, u li din l-informazzjoni ser isservi bħala bażi għal stima intermedjarja ta' l-impenji u tal-pagamenti.

Skond il-format tas-snin preċedenti, dan id-dokument jippreċiża:

– l-istat ta' l-implimentazzjoni tal-EDF (mis-6 sad-9 wieħed) sal-31.12.2005 ;

– il-pronostiku ta' l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li tkun għaddejja;

– l-istimi ta' l-ispejjeż għas-sena finanzjarja 2007.

F'dak li jirrigwarda l-iffinanzjar tal-EDF, il-kontribuzzjonijiet jitħallsu direttament mill-Istati Membri lill-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB) għall-istrumenti tad-9 EDF li l-EIB jassigura l-ġestjoni tiegħu (il-Faċilità ta' l-Investiment u t-tnaqqis fl-imgħax). Għall-istrumenti l-oħra, inkluż għall-istrumenti l-antiki mmexxija mill-EIB (kapital ta' riskju u tnaqqis fl-imgħax), il-kontribuzzjonijiet jitħallsu lill-Kummissjoni.

Ħlief fejn indikat b'mod ieħor, l-ammonti kollha ta' l-impenji u l-pagamenti, imsemmija f'din il-Komunikazzjoni, huma l-ammont "gross" jiġifieri, qabel ma jitnaqqsu l-ammonti ta' impenji m ħassra u l-ammonti rkuprati. Din l-istrateġija hija koerenti ma' dik utilizzata għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni.

[1] ĠU L 83 ta' l-1.4.2003, p. 1.

Introduzzjoni

Il-Kummissjoni u l-EIB wettqu, għal kull pajjiż ta' l-AKP[2] u tal-OCT[3], il-pronostiċi ta' l-impenji u tal-pagamenti għas-snin finanzjarji 2006 u 2007. Ingħatat attenzjoni partikolari għall-istima tal-pagamenti b'għan doppju: min-naħa, biex tingħata għajnuna lill-Istati Membri sabiex dawn jirriservaw ammonti eżatti kemm jista' jkun possibbli mill-baġits nazzjonali tagħhom; min-naħa l-oħra, biex ikun żgurat li volum suffiċjenti ta' riżorsi finanzjarji jkun disponibbli għall-EDF sabiex jiġu evitati problemi ta' nuqqas ta' likwidità.

Skond l-Artikolu 8 tar-Regolament finanzjarju applikabbli għad-9 EDF[4], dawn l-istimi jiġu riveduti fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2006.

L-Anness 1 jippreżenta l-istat ta' l-implimentazzjoni tal-EDF fil-31 ta' Diċembru 2005 u l-Anness 2 jagħti sommarju ta' l-impenji u l-pagamenti mwettqa fl-2004 u fl-2005 g ħall-istrumenti prinċipali. L-Anness 3 jippreżenta l-istimi l-ġodda ta' l-impenji u l-pagamenti għall-2006 u l-2007, u jqabbilhom maċ-ċifri ppreżentati fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2005[5]. L-Anness 4 jippreżenta s-sitwazzjoni finanzjarja u b'mod partikolari l-ammonti globali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-EDF. Fl-aħħarnett, l-Anness 5 jippreżenta l-kontribuzzjonijiet mqassma skond kull Stat Membru għall-2006.

It-tabella li ġejja tagħti ġabra ġenerali ta' l-iżvilupp ta' l-impenji u tal-pagamenti, imwettqa fil-passat u mistennija għall-2006/2007 (il-Kummissjoni u l-EIB). Dan jindika biċ-ċar it-tendenza strutturali li jkun hemm żjieda fil-pagamenti mis-sena 2000.



	1986	1987	1988	1989	1990	1991	1992	1993	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007
---	332	1.950	2.380	1.363	953	1.433	2.236	1.843	2.689	1.874	1.538	784	2.606	2.958	4.007	1.927	2.125	4.107	2.972	4.015	3.986	3.845
—▲—	118	352	807	1.265	1.257	1.191	1.984	1.443	1.860	1.758	1.509	1.382	1.595	1.352	1.640	1.779	1.922	2.349	2.560	2.699	3.065	3.260

- - Impenji ; __ Pagamenti

[2] L-Istati ta' l-Afrika, il-Karajbi u l-Paċifiku.

[3] Pajjiżi u Territorji barra mill-Ewropa.

[4] ĠU L 83 ta' l-1.4.2003, p. 1.

[5] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – EDF l-istimi ta' l-impenji, tal-pagamenti u tal-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu mill-Istati Membri (COM(2005) 542 finali ta' l-4.11.2005).

1. L-istat ta' l-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp sal-31 ta' Diċembru 2005

1.1. Il-fondi disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2005

Is-somma totali ta' l-allokazzjonijiet disponibbli taħt il-EDFs (mis-6 sad-9 wieħed) fit-tmiem tas-sena 2005 għall-Kummissjoni u l-EIB kienet ta' 46 823 miljun euro. Minn dan it-total, madwar 39 894 miljun euro ġew impenjati u 28 657 miljun euro ġew im ħallsa. Mill-bilanċ mhux impenjat (6 929 miljun euro), 5 851 miljun euro jaqgħu fil-kompetenza tal-Kummissjoni li ser tużahom qabel it-tmiem tas-sena 2007. Dawn iċ-ċifri jikkunsidraw il-mobilizzazzjoni kompleta ta' biljun euro kondizzjonali. Ċifri aktar dettlajati huma mogħtija fl-Anness 1.

B'kuntrast għall-bqija tad-dokument, iċ-ċifri ppreżentati f'dan il-punt 1.1 u fl-Anness 1 huma "netti", jiġifieri li dawn jinkludu l-ammonti ta' impenji mħassra u l-ammonti rkuprati. Dan huwa neċessarju biex ikun magħruf il-livell ta' fondi disponibbli li huma definiti bħala "netti".

1.2. L-implimentazzjoni tal-EDF fl-2005

1.2.1. L-impenji

B'somma totali ta' 3 511 miljun euro, il-Kummissjoni wettqet l-għan tagħha (3 500 miljun euro, kif ħabbret f'Ottubru 2004 u mingħajr bidla minn dan iż-żmien). L-EIB impenjat 504 miljun euro taħt il-Faċilità ta' l-Investiment (inkluż it-tnaqqis fl-imgħax), imqabbla ma' stima ta' 597 miljun euro ppreżentata fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2005. Għaż-żewġ istituzzjonijiet, l-impenji ta' l-2005 kienu għalhekk kemm xejn aktar minn 4 biljun euro. Ċifri aktar dettaljati huma mogħtija fl-Annessi 2 u 3.

Il-Kummissjoni ħassret impenji għall-ammont ta' madwar 476 miljun euro. Dan l-ammont huwa kemmxejn għoli meta mqabbel ma' l-aħħar snin (il-medja annwali tas-snin bejn is-sena 2000 u l-2004 hija ta' 325 miljun euro), li jissarraf fl-isforzi effetwati mill-Kummissjoni biex issegwi politika attiva ta' riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji qabel ma jidħol fis-seħħ l-10 EDF.

1.2.2. Il-pagamenti

Il-pagamenti effetwati fl-2005 (2 699 miljun euro għall-Kummissjoni + EIB) jirrapre żentaw l-għola ċifra li qatt intlaħqet u jikkomfermaw it-tendenza strutturali pożittiva tal-volum tal-pagamenti.

B'ammont totali ta' 2 544 miljun euro, il-Kummissjoni wettqet 98% tal-volum stipulat f'Ottubru tas-sena li għaddiet (2 596 miljun euro) u 97% tal-volum stmat f'Ottubru 2004. In-nuqqas żgħir ta' implimentazzjoni jista' jiġi spjegat minn stima żejda tal-b żonnijiet għall-kapitali ta' riskju tal-EDFs l-antiki (61 miljun euro mħallsa, imqabbla ma' stima ta' 117 miljun euro mill-EIB). Il-vajrazzjonijiet l-oħrajn jikkanċellaw lil xulxin. F'dak li jikkonċerna il-Faċilità ta' l-Investiment (u t-tnaqqis fl-imgħax), l-EIB wettaq pagamenti sa 155 miljun euro, filwaqt li l-istima tiegħu f'Ottubru 2005 kienet

ta' 190 miljun euro. Ċifri aktar dettaljati huma mogħtija fl-Annessi 2 u 3.

1.2.3. Il-varjazzjonijiet finanzjarji fl-2005

L-Anness 4 jippreżenta l-bilanċi tal-bidu u ta' tmiem is-sena 2005, il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-Istati Membri lill-EDF kif ukoll il-pagamenti. Din it-tabella ma tinkludix il-pagamenti effetwati għall-istrument Stabex
(71 miljun euro) u lanqas għall-miżuri speċjali għall-RDCongo (89 miljun euro) min ħabba li dawn l-ispejjeż ġew effetwati mill-kontijiet speċjali li kienu diġà ġew ipprovduti mill-Istati Membri fil-passat. Dawn għalhekk ma talbux riżorsi finanzjarji ġodda permezz tas-sejħiet normali għall-kontribuzzjonijiet.

Għall-Kummissjoni, il-bilanċ tal-likwidità disponibbli min-naħa operazzjonali fit-tmiem ta' l-2005 kien ta' madwar 137[6] miljun euro. Dan l-ammont aktar għoli milli maħsub (66 miljun euro) huwa prinċipalment marbut ma' volum anqas ta' spejjeż għall-kapital ta' riskju u, f'miżura anqas, ma' l-ammonti rkuprati aktar importanti. Il-bilanċ huwa og ħla mill-aħħar sentejn, imma jibqa' sostanzjalment anqas mil-livell tas-snin preċedenti (medja ta' 340 miljun euro għas-snin bejn l-1998 u l-2002). F'dak li jikkonċerna lill-EIB, il-bilanċ tat-tmiem tas-sena finanzjarja kien ta' 141 miljun euro.

2. Il-pronostiċi ta' l-implimentazzjoni finanzjarja għas-snin finanzjarji 2006 u 2007

2.1. L-impenji

2.1.1. Is-sena finanzjarja 2006

- B'ammont totali ta' 586 miljun euro għall-Faċilità ta' l-Investiment u t-tnaqqis fl-imgħax, l-EIB jibqa' allinjat maċ-ċifri kkomunikati f'Ottubru 2005.

- Għall-Kummissjoni, l-istimi l-ġodda ta' 3 400 miljun euro jikkonfermaw l-ammont totali diġà mħabbar f'Ottubru 2005, u jibqa' sostanzjalment anqas mill-istima prudenti ta' Ġunju tas-sena l-oħra (3 100 miljun euro).

- Fit-total, il-livell rivedut ta' l-impenji jitla' għal 3 986 miljun euro.

2.1.2. Is-sena finanzjarja 2007

- F'dak li jikkonċerna il-Faċilità ta' l-Investiment u t-tnaqqis fl-imgħax, il-Bank ibassar li ser ikun jista' jimpenja 395 miljun euro.

- Jekk fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni bbażat il-pronostiċi tag ħha għall-2007 fuq iċ-ċiklu ta' impenji osservat għall-EDF preċedenti, issa din ibba żat ruħha fuq dossiers konkreti. L-istimi l-ġodda jwasslu għal ammont totali ta' 3 450[7] miljun euro u jikkonfermaw li ser ikun possibbli għall-Kummissjoni li twettaq l-impenn tagħha li tuża bis-sħiħ il-baġit finanzjarju li sar disponibbli permezz tal-

[6] Eskluži 1.4 miljun euro ta' kontribuzzjonijiet 2006

[7] ibbażati fuq l-ipoteżi li madwar 1 000 miljun euro ser ikunu impenji mħassra u impenjati mill-ġdid fl-2006 u l-2007.

Ftehim ta' Cotonou, qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja 2007.

- Għalhekk fit-total, l-impenji (il-Kummissjoni u l-EIB) ser ikunu ta' madwar 3 845 miljun euro.

2.2. Il-pagamenti

2.2.1. Is-sena finanzjarja 2006

- L-EIB irriveda l-pronostiċi tiegħu b'żjieda ta' 240 miljun euro f'Ottubru 2005 għal 315 miljun euro illum, li minnhom 270 miljun euro jirreferu għall-Faċilità ta' l-Investiment u 45 miljun euro għat-tnaqqis fl-imgħax.

- Bħal fl-aħħar snin, il-Kummissjoni tat attenzjoni partikolari għat-twettiq ta' l-istima tal-pagamenti. Ġie żviluppat pronostiku għal kull proġett (impenn) u għal kull kuntratt. Il-pronostiku l-ġdid iwassal għal ammont globali għall-Kummissjoni ta' 2 750 miljun euro, jiġifieri l-istess bħal dak ippreżentat f'Ottubru 2005 (2 784 miljun euro). It-tnaqqis ħafif jispjega ruħu partikolarment permezz ta' reviżjoni 'l isfel mill-EIB tal-pagamenti taħt l-istrumenti antiki (il-kapital ta' riskju u t-tnaqqis fl-imgħax) minn 106 miljun euro għal 82 miljun euro. Il-varjazzjonijiet l-oħra bejn wieħed u ieħor jikkontrobilanċjaw lil xulxin. It-tendenza ta' żjieda tal-pagamenti għal Stabex hija r-riżultat tal-volontà tal-Kummissjoni li tattiva mill-ġdid dan il-dossier.

- Fit-total, għall-EIB u l-Kummissjoni flimkien, ir-reviżjoni tal-pagamenti twassal għal 3 065 miljun euro, jiġifieri bejn wieħed u ieħor l-istess livell bħal f'Ottubru li għadda (3 024 miljun euro).

2.2.2. Is-sena finanzjarja 2007

Għall-2007, il-pronostiku għas-sena finanzjarja wassal għall-ammont globali ta' 3 260 miljun euro, magħmul minn:

- 410 miljun euro għall-EIB taħt id-9 EDF, u minnhom 330 għall-Faċilità;

- 2 850 miljun euro għall-istrumenti tal-Kummissjoni.

Dawn iċ-ċifri, minħabba li jirrelataw ma' orizzont aktar imbiegħed, iridu jiġu interpretati bi prudenza.

3. Il-Pronostiku tas-sitwazzjoni finanzjarja għall-2006 u l-2007

Biex tintlaħaq iż-żjieda fil-pronostiċi tal-pagamenti fl-2006, l-EIB qed jitlob żjieda fil-kontribuzzjonijiet ta' l-2006 ta' 40 miljun euro (180 miljun euro minflok 140 miljun).

Min-naħa tal-Kummissjoni, l-ammont globali tal-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu mill-Istati Membri jista' jitnaqqas minn 2 690 għal 2 510 miljun euro. Dan huwa r-riżultat ta' diversi elementi li jinstabu fit-tabella fl-Anness 4. Dan jirrigwarda l-ewwelnett it-tnaqqis tal-pagamenti stipulati għall-kapitali ta' riskju (-80 miljun euro għat-total tas-

snin 2005 u 2006). Wara, ħlief għall-istrument Stabex[8] (li għalih il-fondi diġà tħallsu fil-passat), hemm tnaqqis żgħir tal-volum tal-pagamenti taħt l-istrumenti l-oħra (-63 miljun euro għall-2005 u l-2006). Fl-aħħarnett, ukoll (ir-reviżjoni għal) iż-żjieda ta' l-ammonti rkuprati ġġib magħha bżonn anqas għal kontribuzzjonijiet (-33 miljun euro għall-2005 u l-2006).

Il-Kummissjoni tipproponi tieni pagament kemmxejn inferjuri għal dak antiċipat f'Ottubru (910 miljun euro mqabbla ma' 1000 miljun euro). Fuq il-bażi ta' l-istima attwali, jista' jkun possibbli li jitnaqqas ukoll it-3 pagament (200 miljun euro mqabbla ma' 290 miljun euro). Il-Kummissjoni ser terga' tevalwa mill-ġdid is-sitwazzjoni fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2006. Skond ir-reviżjoni b'żjieda fin-nefqiet, l-EIB jitlob g ħat-2 pagament 100 miljun euro mqabbla ma' 60 miljun euro antiċipati f'Ottubru.

Għall-2007, stima preliminari tal-kontribuzzjonijiet twassal għal 3 100 miljun euro. Iż-żjieda tal-kontribuzzjonijiet bejn l-2003 u l-2007 (stima) hija importanti (2003: 2 200 miljun euro; 2004 : 2 340 miljun euro; 2005: 2 640 miljun euro) u hija dovuta għaż-żjieda fir-rendiment tal-EDF.

[8] Ara wkoll il-punt 1.2.3.

ANNESS 1

Is-sitwazzjoni konsolidata tal-EDF (mis-6 sad-9 wieħed) għall-pajjiżi ta' l-AKP u l-OCT 31 ta' Diċembru 2005 (f'miljuni ta' euro)

IL-KUMMISSJONI	**Kontribuzzjonijiet**	**Impenji**	**Pagamenti**
Kontribuzzjonijiet nazzjonali u territorjali	23 967	20 258	13 023
CDE[9], CTA[10] u JPA[11]	107	105	61
Riserva għall-iżvilupp fit-tul	864	0	0
Kooperazzjoni reġjonali	6 431	5 338	3 344
Tnaqqis fl-imgħax	391	391	352
Kapitali ta' riskju (EDF 6 sa 8)	2 541	2 541	2 198
Faċilità għall-aġġustament strutturali	2 728	2 728	2 649
Għajnuna ta' emerġenza	723	723	722
Għajnuna għar-refuġjati	297	297	271
Stabex	3 862	3 862	3 477
Prodotti mill-minjieri	697	697	578
L-użu ta' l-interessi	38	38	32
Trasferiment tal-FED 1 sa 5	422	422	398
Tnaqqis tad-dejn (FED 7 u 8)	1 100	1 100	1 100
Studji u AT[12] għall-PTOM	2	1	0
Spejjeż ta' l-implimentazzjoni	125	125	109
Għajnuna speċjali RDCongo	108	92	89
Irċevuti diversi	53	9	0
Total parzjali	**44 455**	**38 727**	**28 403**
EIB (id-9 EDF)			
Tnaqqis fl-imgħax	188	38	38
Il-Faċilità ta' l-investiment	2 057	1 130	216
Total parzjali	**2 245**	**1 167**	**254**
Biljun kondizzjonali	**123**		
TOTAL (EDF 6 sa 9)	**46 823**	**39 894**	**28 657**

B'differenza għat-totali l-oħra msemmija f'dan id-dokument, iċ-ċifri ppreżentati f'din it-tabella huma "netti", jiġifieri jiġu kkunsidrati l-ammonti ta' impenji mħassra u l-ammonti rkuprati (dan huwa neċessarju biex ikun magħruf il-livell ta' fondi disponibbli li huma definiti bħala "netti").

[9] Ċentru għall-Iżvilupp ta' l-Intrapriża.
[10] Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali.
[11] Assemblea Parlamentari Konġunta.
[12] Għajnuna teknika.

ANNESS 2

Analiżi ta' l-ispejjeż għal kull strument għas-snin 2004 u 2005

f'miljuni ta' euro

	2004		2005	
	impenji	**pagamenti**	**Impenji**	**Pagamenti**
IL-KUMMISSJONI				
Mis-6 sat-8 EDF				
Programmi indikattivi	**-**	**1 075,1**	**-**	**887.7**
Bl-eċċezzjoni ta' programmi indikattivi				
Tnaqqis fl-imgħax	-	9,8	-	0,4
Għajnuna ta' emerġenza	-	2,5	-	1,9
Għajnuna għar-refuġjati	-	26,9	-	9,4
Kapitali ta' riskju	-	143,3	-	60,8
Prodotti tal-minjieri	-	27,4	-	15,0
Stabex	9.6	7,3	8.8	70,8
Faċilità għall-aġġustament strutturali	-	89,7	-	15 ,9
Bilanċ mir-4 u l-5 EDF	-	11,2	-	5,6
Spejjeż ta' l-implimentazzjoni	-	16,4	-	1,9
Total parzjali	**9,6**	**334,5**	**8.8**	**181,6**
Id-9 EDF + miżuri tranżitorji				
Pakkett A	1 739,5	654,7	2 806,3	950,5
Pakkett B	230,2	144,4	288,0	192,8
Proġetti reġjonali	134,1	12,3	217,2	23,8
Proġetti bejn l-AKP u Cotonou	413,6	158,9	143,0	131,5
Spejjeż ta' l-implimentazzjoni	1,8	56,5	7,3	54,0
RD Congo	92,0	0,1	0,0	89,2
Oħrajn	27,0	27,7	40,5	33,2
Total parzjali	**2 638,2**	**1 054,6**	**3 502,3**	**1 475,0**
Total immaniġjat mill-Kummissjoni	**2 647,8**	**2 464,3**	**3 511,1**	**2 544,3**
EIB (id-9 EDF)				
Faċilità ta' l-Investiment u tnaqqis fl-imgħax	**324,5**	**95,3**	**503,8**	**154,5**
TOTAL EDF	**2 972,3**	**2 559,6**	**4 014,9**	**2 698,8**

Anness 3 – Impenji u pagamenti mwettqa fl-2005 u stmati għall-2006 u l-2007 (*mljuni ta' euro)*

		2005		2006		2007	
		COM Ott 2005 (**)	**Twettiq**	**COM Ott 2005 (**)**	**Reviżjoni**	**COM Ott 2005 (**)**	**Reviżjoni**
IMPENJI							
	Faċilità "Paċi"	-	-	0	50		0
	Faċilità ta' l-Ilma	80	80	225	185		190
	Miżuri oħra dwar il-biljun € kondizzjonali	0	0	330	326		174
	Stabex (interessi fuq kontijiet sikuri)	10	9	10	10		10
	Oħrajn	3.410	3.422	2.835	2.829		3.076
	Total għall-Kummissjoni	*3.500*	*3.511*	*3.400*	*3.400*		*3.450*
	Faċilità ta' l-Investiment	537	473	511	526		295
	Tnaqqis fl-imgħax	60	31	60	60		100
	Total EIB strumenti tad-9 EDF	*597*	*504*	*571*	*586*		*395*
	TOTAL	**4.097**	**4.015**	**3.971**	**3.986**	**3.150**	**3.845**
PAGAMENTI							
	Faċilità "Paċi	88	88	45	124		12
	Faċilità ta' l-Ilma	5	5	41	44		89
	Miżuri oħra dwar il-biljun € kondizzjonali	0	0	44	60		188
	Kapitali ta' riskju (*)	117	61	106	82		71
	Tnaqqis tad-dejn	0	0	60	60		100
	Oħrajn	2.245	2.230	2.443	2.297		2.300
	Total parzjali	*2.455*	*2.384*	*2.739*	*2.667*		*2.760*
	Stabex	52	71	45	83		*90*
	RDCongo	89	89	0	0		0
	Total għall-Kummissjoni	*2.596*	*2.544*	*2.784*	*2.750*		*2.850*
	Faċilità ta' l-Investiment	150	119	200	270		330
	Tnaqqis fl-imgħax	40	35	40	45		80
	Total EIB strumenti tad-9 EDF	*190*	*155*	*240*	*315*		*410*
	TOTAL	**2.786**	**2.699**	**3.024**	**3.065**	**3.350**	**3.260**

* inkluż it-tnaqqis fl-imgħax taħt l-EDF antiki

** kif emendata mill-EIB (ara d-dokument tal-Kunsill Nru 161/05 AKP)

Anness 4 – Is-sitwazzjoni finanzjarja osservata fl-2005 u prevista għall-2006 u l-2007 – minbarra Stabex u l-kont speċjali RDCongo(*) *(m €)*

		COM Ott 2005 (**)			Revision		
		Il-Kummissjoni	**EIB 9 EDF**	**TOTAL**	**Il-Kummissjoni**	**EIB 9 EDF**	**TOTAL**
20	**Bilanċ fl-01/01/2005**	**62**	**8**	**70**	**62**	**6**	**68**
05	Kontribuzzjonijiet 2004 imħallsa fl-2005	42		42	42		42
	Il-kontribuzzjonijiet 2005 li minnhom	2.350	290	2.640	2.336	290	2.626
	l-ewwel pagament (***)	*1.360*	*60*	*1.420*	*1.360*	*60*	*1.420*
	it-tieni pagament	*750*	*250*	*1.000*	*750*	*250*	*1.000*
	it-tielet pagament	*240*	*-20*	*220*	*226*	*-20*	*206*
	Interessi u oħrajn	25		25	26		26
	Ammonti rkuprati	42		42	55		55
	Pagamenti	-2.455	-190	-2.645	-2.384	-155	-2.539
	Bilanċ fil-31/12/2005	**66**	**108**	**174**	**137****	**141**	**278**
	Kontribuzzjonijiet 2005 imħallsa fl-2006				14		14
20	**Il-kontribuzzjonijiet 2006 li minnhom**	2.690	140	2.830	2.510	180	2.690
06	*l-ewwel pagament*	*1.400*	*60*	*1.460*	*1.400*	*60*	*1.460*
	it-tieni pagament	*1.000*	*60*	*1.060*	*910*	*100*	*1.010*
	it-tielet pagament	*290*	*20*	*310*	*200*	*20*	*220*
	Interessi u rċevuti oħra	10		10	10		10
	Ammonti rkuprati	40		40	60		60
	Pagamenti	-2.739	-240	-2.979	-2.667	-315	-2.982
	Bilanċ fil-31/12/2006	**67**	**8**	**75**	**64**	**6**	**70**
20	**Kontribuzzjonijiet 2007**				**2.690**	**410**	**3.100**
07	Interessi u rċevuti oħra				10		10
	Ammonti rkuprati				60		60
	Pagamenti				-2.760	-410	-3.170
	Bilanċ fil-31/12/2007				**64**	**6**	**70**

* totali disponibbli minn punt ta' ħidma

** kif emendata mill-EIB (ara d-dokument tal-Kunsill Nru 161/05 AKP)

*** minnhom 180,4 miljun euro f'kontribuzzjonijiet 2005 imħallsa fl-aħħar ta' Diċembru

**** eskluż 1,4 miljun euro ta' kontribuzzjonijiet 2006

Anness 5

KONTRIBUZZJONIJIET LILL-EDF GĦAS-SENA FINANZJARJA 2006 (f'euro)

PAJJIŻ	CLE	l-ewwel pagament		it-tieni pagament		it-tielet pagament		TOTAL
	%	Imħallas lill-EIB	Imħallas lill-Kummissjoni	Li jrid jit ħallas lill-EIB	Li jrid jit ħallas lill-Kummissjoni	Li jrid jit ħallas lill-EIB	Li jrid jit ħallas lill-Kummissjoni	tal-Pagamenti
IL-ĠERMANJA	23,36	14.016.000	327.040.000	23.360.000	212.576.000	4.672.000	46.720.000	628.384.000
IL-BELĠJU	3,92	2.352.000	54.880.000	3.920.000	35.672.000	784.000	7.840.000	105.448.000
ID-DANIMARKA	2,14	1.284.000	29.960.000	2.140.000	19.474.000	428.000	4.280.000	57.566.000
SPANJA	5,84	3.504.000	81.760.000	5.840.000	53.144.000	1.168.000	11.680.000	157.096.000
FRANZA	24,30	14.580.000	340.200.000	24.300.000	221.130.000	4.860.000	48.600.000	653.670.000
IL-GREĊJA	1,25	750.000	17.500.000	1.250.000	11.375.000	250.000	2.500.000	33.625.000
L-IRLANDA	0,62	372.000	8.680.000	620.000	5.642.000	124.000	1.240.000	16.678.000
L-ITALJA	12,54	7.524.000	175.560.000	12.540.000	114.114.000	2.508.000	25.080.000	337.326.000
IL-LUSSEMBURGU	0,29	174.000	4.060.000	290.000	2.639.000	58.000	580.000	7.801.000
L-OLANDA	5,22	3.132.000	73.080.000	5.220.000	47.502.000	1.044.000	10.440.000	140.418.000
IL-PORTUGALL	0,97	582.000	13.580.000	970.000	8.827.000	194.000	1.940.000	26.093.000
IR-RENJU UNIT	12,69	7.614.000	177.660.000	12.690.000	115.479.000	2.538.000	25.380.000	341.361.000
L-AWSTRIJA	2,65	1.590.000	37.100.000	2.650.000	24.115.000	530.000	5.300.000	71.285.000
IL-FINLANDJA	1,48	888.000	20.720.000	1.480.000	13.468.000	296.000	2.960.000	39.812.000
L-IŻVEZJA	2,73	1.638.000	38.220.000	2.730.000	24.843.000	546.000	5.460.000	73.437.000
TOTAL	100,00	60.000.000	1.400.000.000	100.000.000	910.000.000	20.000.000	200.000.000	2.690.000.000